32004D0890

23.12.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 375/27

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## ta' l-20 ta' Diċembru 2004

## dwar l-irtirar tal-Komunità Ewropea mill-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Baltiku l-Ibħra ta' Madwaru

(2004/890/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Komunità hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Baltiku u l-Ibħra ta' Madwaru ([2]) ("il-Konvenzjoni ta' Gdansk").

(2) L-Artikolu XIX tal-Konvenzjoni ta' Gdansk jipprevedi l-irtirar mill-Konvenzjoni minn Parti Kontraenti.

(3) L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja għandhom obbligu li jieħdu l-passi meħtieġa biex jirtiraw mill-Konvenzjoni ta' Gdansk fl-1 ta' Mejju 2004 jew mid-data l-aktar kmieni possibbli minn dak in-nhar skond l-Artikolu 6(12) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

(4) Wara l-irtirar ta' dawk l-Istati Membri l-ġodda, il-Komunità u l-Federazzjoni Russa ser jibqgħu l-uniċi Partijiet Kontraenti li jkun baqa' għall-Konvenzjoni ta' Gdansk u madwar 95 % taż-żona ta' Konvenzjoni ser ikunu ibħra Komunitarji.

(5) Iż-żamma ta' organizzazzjoni ta' sajd internazzjonali għall-iskop ta' maniġġar ta' sajd f'ibħra li jaqgħu kompletament taħt il-ġurisdizzjoni ta' żewġ Partijiet biss ser tkun sproporzjonata u ineffiċjenti. Għaldaqstant il-Komunità għandha tirtira mill-Konvenzjoni ta' Gdansk,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komunità Ewropea għandha tirtira mill-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Baltiku u l-Ibħra ta' Madwaru.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) li għandha/hom is-setgħa li jinnotifikaw lid-Depożitarju tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Baltiku u l-Ibħra ta' Madwaru bl-irtirar tal-Komunita mill-Konvenzjoni.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
P. VAN GEEL

([1]) Opinjoni mgħotija fl-14 ta' Diċembru 2004 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
([2]) ĠU L 237, 26.8.1983, p. 4.